MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 68/2007/1

Reġistratur tal-Qorti (Għawdex) .

vs

Roberta Cassar.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ l-imsemmi Reġistratur tal-Qorti (Għawdex), li permezz tiegħu l-istess Reġistratur tal-Qorti wara li ppremettiet illi:

(1) Illi permezz ta’ mandat ta’ deskrizzjoni numru 183/2006 fl-ismijiet “Valentino Cassar -vs- Roberta Cassar” ippreżentat fis-6 ta’ Ottubru 2004, ir-rikorrenti Valentino Cassar talab illi jiġu elenkati l-oġġetti mobbli li kien hemm fid-dar matrimonjali tal-partijiet, f’liema dar, il-konvenuta kienet ġiet awtoriżżata tgħix ad esklużjoni ta’ l-imsemmi Valentino Cassar.

(2) Illi l-imsemmi mandat ġie akkordat u esegwit.

(3) Illi minkejja tali mandat, ir-rikorrenti Valentino Cassar ġibed l-attenzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti permezz ta’ rikors tat-3 ta’ Jannar 2007 illi l-konvenuta kienet diġa ħarġet xi oġġetti mid-dar konjugali qabel ma ġie esegwit il-mandat ta’ deskrizzjoni mentri fis-27 ta’ Diċembru 2007, u ċioe’ wara li ġie esegwit l-imsemmi mandat ta’ deskrizzjoni, il-konvenuta bl-għajnuna ta’ oħtha u ħuha ħarġu numru ieħor ta’ oġġetti mobbli oħra mid-dar matrimonjali u għalhekk, talab illi jittieħdu proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti.

(4) Illi permezz ta’ digriet tat-18 ta’ Jannar 2007, dina l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta’ l-imsemmi Valentino Cassar u ordnat illi jittieħdu proċeduri għad-disprezz tal-Awtorita’ tagħha a kura tal-attur fil-konront tal-konvenuta Roberta Cassar.

Talbet lill-konvenuta Roberta Cassar tgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara ħatja ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti u

(2) Konsegwentement tikkundannaha għal xi waħda mis-sanzjonijiet ikkontemplati fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u senjatament, l-artiklu 007 tal-Kap. 12, u

(3) Tordnaha tirritorna fid-dar matrimonjali kwalunkwe oġġett mobbli illi l-konvenuta neħħiet mill-istess dar matrimonjali wara l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ deskrizzjoni numru 183/2006, fl-ismijiet “Valentino Cassar –vs- Roberta Cassar”.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuta li biha eċċepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok, tajjeb li jinghad li dawn il-proċeduri, għalkemm ġew inizjati b'rikors ġuramentat, huma ta' natura penali w allura bħal kull każ ieħor penali jeħtieġ li dan il-każ jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

2. Illi dak li effettivament għamlet l-intimata kien biss li hija irrestitwiet lura l-oġġetti appartenenti lill-ommha u dan kif jista' jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża. Dal tronde, dawn l-oġġetti ġia ġew indikati fil-mandat ta' deskrizzjoni (nru. 183/06 AMT) mill-marixxal li għamel l-elenku bħala "*dawn l-oġġetti ta' Manwela Hili li tiġi ommha*". (* skond ma qalet l-intimata lill-marixxal, dawn l-oġġetti kienu (1) Television tad-ditta JVC. (2) Fridge/Freezer tad-ditta Liebherr, (3) Fridge tad-ditta Bauknecht u (4) Gas Heater tad-ditta Coleman).* Għalhekk żgur li jonqos wieħed mill-elementi essenzjali sabiex jissussistu dawn it-talbiet u ċioe' l-intenzjoni ta' l-intimata li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita' tagħha.

3. Illi jekk ir-rikorrenti nomine qegħda tallega li l-intimata ħarġet xi affarijiet oħra, ovvjament hija trid tagħmel il-prova ta' l-eżistenza tagħhom, il-prova li effettivament kienet l-intimata li ħarġet dawn l-istess affarijiet u l-prova li l-intimata kellha l-intenzjoni li tisfida l-ordni tal-Qorti u dan fil-grad, kif diġa inghad, ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

4. illi l-intimata għalhekk ma għamlet l-ebda aġir dispreġattiv lejn l-Awtorita' tal-Qorti kif donnu qiegħed jgħid ir-rikorrenti nomine u di fatti huwa ma ġie imċaħħad mill-ebda oġġett appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

5. salvi risposti ulterjuri permessibbli mill-liġi.

Rat l-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni relattiva għal din il-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti miż-żewġ naħat.

Il-Qorti, billi tinsab konvinta wara dak illi rriżulta mill-kawża, speċjalment id-depożizzjoni ta' l-istess Roberta Cassar, li ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parti tagħha illi hija tikser l-ordnijiet tagħha, u meħud ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, u speċjalment dawk meta sar l-istess mandat ta' deskrizzjoni, illi kien proprju fil-bidu tal-proċeduri għas-separazzjoni illi kien hemm bejn, illi ġew istitwiti minn l-istess konvenuta, kontra r-raġel tagħha; jidhrilha illi ma kienx hemm intenzjoni kif ingħad illi jinkisru l-ordnijiet tal-Qorti, u għal hekk tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, b'dana pero' illi l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------